**Minuti tat-18-il laqgħa tal-Kumitat Amministrativ St Peter's**

It-tmintax-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar it-Tlieta, 27 ta' Settembru, 2011. Il-laqgħa bdiet fis-6.25 ta' filgħaxija b'talba. Iċ-*Chairperson*, is-Sinjura Maria Elena Debattista, ippresediet il-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, is-Sinjuri s-Sur Joseph Agius u s-Sur Mario Bartolo.

Il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews u s-Sur Luciano Farrugia kienu skużati.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tas-17-il laqgħa ġew approvati unanimament fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo.

Ic-Chairperson infurmat lill-Kumitat illi s-Sur Mario Bartolo naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat fl-aħħar sitt xhur. Għaldaqstant tipproponi li peress illi l-assenza tas-Sur Bartolo kienet ġustifikata l-Kumitat Amministrattiv jirrakomanda li l-post tiegħu ma jiġix iddikjarat vakanti. Is-Sur Agius issekonda l-proposta tas-Sinjura Debattista u l-Kumitat qabel unanimament ma' din il-proposta.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Ma kienx hemm Mistoqsijiet u Affarijiet mil-Minuti.

Item 4 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza li l-Kumitat Amministrattiv kiteb lill-*Transport Malta* flimkien ma' petizzjoni li għamlu residenti ta' St Peter's dwar is-servizz tat-trasport pubbliku speċjalment ir-rotta 121. Ir-residenti talbu sabiex ir-rotta 121 tibda' tgħaddi mit-toroq ta' St Peter's kif kienet tgħaddi r-rotta 21.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo, il-Kumitat Amministrattiv qabel unanimament li jiltaqgħa mal-perit tal-Kunsill sabiex flimkien titħejja l-applikazzjoni ta' l-iskema għal-għajnuna finanzjara biex isie xogħol ta' titjib fil-*playing field* ta' St Peter's.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Bartolo ressaq l-ilmenti ta' residenti dwar l-iskart goff u materjal li qed jintrema f'għalqa li hemm fi Triq l-Għakrux ma' Triq Dun Salv Sciberas u Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Is-Sur Agius talab sabiex issir katusa fil-bankina li saret mill-kuntrattur fi Triq San Leonardu maġenb il-*pitch* tal-boċċi.

Is-Sur Agius semma l-bżonn li titwaħħħal mera fi Triq Ġdida fi Triq San Leonardu u mera oħra f'parti oħra ta' Triq San Leonardu. Is-Sur Agius talab li titwaħħal bozza mar-residenza Chateau Josimon fi Triq Patri Feliċjan Grech.

Is-Sur Agius semma l-bżonn li titwaħħal bozza ġdida fi Triq il-Werzieq.

Is-Sinjura Debattista semmiet il-bżonn li jiġu rranġati parking bays li hemm fi Triq J G Baldacchino.

Iċ-Chairperson semmiet il-bżonn li jsir *resurfacing* ta' Triq in-Naħla.

Is-Sur Bartolo semma l-ħtieġa li ssir *road hump* fi Triq l-Għakrux ma' Triq iż-Żagħrun.

Is-Sur Agius talab li tinqala siġra tat-tin li hemm fi Triq l-Għakrux.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija.

Isabella Testaferrata De Noto
Deputat Segretarju

Dawn il-minuti ġew approvati fit-19-il laqgħa li saret nhar it-Tlieta, 25 ta' Ottubru, 2011.

Maria Elena Debattista
Chairperson